



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 3 ta' Diċembru 2019
(OR. en)

14179/19

ECOFIN 1025
UEM 354

ATTI LEĠISLATIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett:	RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL bil-għan li tiġi kkoreġuta d-devjazzjoni osservata sinifikanti mill-perkors ta' aġġustament lejn l-oġjettiv baġitarju ta' terminu medju fir-Rumanija
----------	---

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL

ta' ...

**bil-għan li tiġi kkoreġuta d-devjazzjoni osservata sinifikanti
mill-perkors ta' aġġustament lejn l-oġġettiv baġitarju ta' terminu medju fir-Rumanija**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 121(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 Lulju 1997 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet ta' budget u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni ta' politika ekonomika¹, u b'mod partikolari t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 10(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni Ewropea,

¹ ĠU L 209, 2.8.1997, p. 1.

Billi:

- (1) Skont l-Artikolu 121 tat-Trattat, l-Istati Membri għandhom jippromwovu finanzi pubbliċi sodi fuq terminu medju permezz tal-koordinazzjoni tal-politika ekonomika u s-sorveljanza multilaterali sabiex tiġi evitata l-okkorrenza ta' defiċits pubbliċi eċċessivi.
- (2) Il-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir huwa bbażat fuq l-oġettiv ta' finanzi sodi tal-gvern bħala mezz biex jissaħħu l-kundizzjonijiet għall-istabbiltà tal-prezzijiet u għal tkabbir qawwi u sostenibbli li jwassal għall-ħolqien tal-impjiegi.

- (3) F'Ġunju 2017 u f'Ġunju 2018 il-Kunsill stabbilixxa f'konformità mal-Artikolu 121(4) tat-Trattat li fl-2016 u l-2017, rispettivament, kien hemm devjazzjoni osservata sinifikanti mill-objettiv baġitarju ta' terminu medju tar-Rumanija jew mill-perkors ta' aġġustament lejha. Fid-dawl ta' dawk id-devjazzjonijiet sinifikanti li ġew stabbiliti, il-Kunsill ħareġ ir-Rakkomandazzjonijiet tas-16 ta' Ġunju 2017¹ u tat-22 ta' Ġunju 2018², biex jirrakkomanda li r-Rumanija tiegħu l-miżuri meħtieġa biex tindirizza dawk id-devjazzjonijiet. Il-Kunsill sussegwentement stabbilixxa li r-Rumanija ma kinitx ħadet azzjoni effettiva b'reazzjoni għal dawk ir-Rakkomandazzjonijiet u ħareġ Rakkomandazzjonijiet riveduti fil-5 ta' Diċembru 2017³ u fl-4 ta' Diċembru 2018⁴ rispettivament. Il-Kunsill sussegwentement sab li r-Rumanija lanqas ma ħadet azzjoni effettiva b'reazzjoni għal dawk ir-Rakkomandazzjonijiet riveduti.

¹ Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-16 ta' Ġunju 2017 bil-ħsieb li tiġi korretta d-devjazzjoni osservata sinifikanti mill-pjan ta' aġġustament lejn l-objettiv baġitarju fuq terminu medju fir-Rumanija (ĠU C 216, 6.7.2017, p. 1).

² Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-22 ta' Ġunju 2018 bil-ħsieb li tiġi kkoreġuta d-devjazzjoni osservata sinifikanti mill-perkors (ĠU C 223, 27.6.2018, p. 3).

³ Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-5 ta' Diċembru 2017 bil-ħsieb li tiġi korretta d-devjazzjoni sinifikanti osservata mill-pjan ta' aġġustament lejn l-objettiv baġitarju fuq terminu medju fir-Rumanija (ĠU C 439, 20.12.2017, p. 1).

⁴ Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-4 ta' Diċembru 2018 bil-għan li tiġi korretta d-devjazzjoni sinifikanti osservata mill-perkors ta' aġġustament lejn l-objettiv baġitarju ta' terminu medju fir-Rumanija (ĠU C 460, 21.12.2018, p. 1).

- (4) Fl-14 ta' Ġunju 2019, il-Kunsill sab li fl-2018 reġa' kien hemm devjazzjoni osservata sinifikanti mill-perkors ta' aġġustament lejn l-oġġettiv baġitarju ta' terminu medju fir-Rumanija. Fuq dik il-bażi, il-Kunsill ħareġ Rakkomandazzjoni¹ biex ir-Rumanija tieħu l-miżuri meħtieġa biex tiżgura li r-rata ta' tkabbir nominali tal-infiq pubbliku primarju nett² ma taqbiżx l-4,5 % fl-2019 u l-5,1 % fl-2020, korrispondenti għal aġġustament strutturali annwali ta' 1,0 % tal-prodott domestiku gross (PDG) fl-2019 u 0,75 % tal-PDG fl-2020. Il-Kunsill irrakkomanda wkoll li r-Rumanija tuża kwalunkwe gwadann mhux previst biex tnaqqas id-defiċit, u qal li jenħtieġ li l-miżuri ta' konsolidazzjoni baġitarja jiżguraw titjib fit-tul fil-bilanċ strutturali tal-amministrazzjoni pubblika b'mod li jiffavorixxi t-tkabbir. Il-Kunsill stabbilixxa skadenza tal-15 ta' Ottubru 2019 biex ir-Rumanija tirrapporta dwar l-azzjoni li tkun ħadet b'reazzjoni għar-Rakkomandazzjoni tal-14 ta' Ġunju 2019.
- (5) Fid-9 ta' Lulju 2019, il-Kunsill ħareġ Rakkomandazzjoni³ li tirrakkomanda li r-Rumanija tiżgura li tikkonforma fl-2019 u fl-2020 mar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2019 bil-ħsieb li tikkorreġi d-devjazzjoni sinifikanti mill-perkors ta' aġġustament lejn l-oġġettiv baġitarju ta' terminu medju.

¹ Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2019 bil-ħsieb li tiġi kkoreġuta d-devjazzjoni sinifikanti osservata mill-perkors ta' aġġustament lejn l-oġġettiv baġitarju fuq terminu medju fir-Rumanija (ĠU C 210, 21.6.2019, p. 1).

² In-nefqa pubblika primarja netta hija magħmula min-nefqa pubblika totali bl-esklużjoni tan-nefqa fuq l-imġħax, in-nefqa fuq programmi tal-Unjoni kompletament korrisposti mid-dħul mill-fondi tal-Unjoni u tibdil mhux diskrezzjonarju fin-nefqa fuq il-benefiċċji tal-qgħad. Il-formazzjoni tal-kapital fiss gross iffinanzjata fil-livell nazzjonali hija mifruxa fuq perjodu ta' erba' snin. Il-miżuri diskrezzjonali b'rabta mad-dħul jew ma' żidiet fid-dħul preskritti bil-liġi qed jitqiesu. Miżuri ta' darba, kemm min-naħa tad-dħul kif ukoll tan-nefqa, huma esklużi.

³ Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2019 dwar il-Programm ta' Riforma Nazzjonali tal-2019 tar-Rumanija u li twassal opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Konverġenza tal-2019 tar-Rumanija (ĠU C 301, 5.9.2019, p. 135).

- (6) Fil-25 ta' Settembru 2019, il-Kummissjoni wettqet missjoni ta' sorveljanza msaħħa fir-Rumanija għall-fini ta' monitoraġġ fil-post taħt l-Artikolu -11(2) tar-Regolament (KE) Nru 1466/97. Wara li ttrasmettiet ir-riżultati proviżorji tagħha lill-awtoritajiet Rumani għall-kummenti, il-Kummissjoni rrapportat il-konklużjonijiet tagħha lill-Kunsill fl-20 ta' Novembru 2019. Dawk il-konklużjonijiet ġew ippubblikati.
- (7) Fil-15 ta' Ottubru 2019, l-awtoritajiet Rumani ppreżentaw rapport dwar azzjoni effettiva b'reazzjoni għar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2019. Fid-dawl tal-informazzjoni pprovduta mill-awtoritajiet Rumani fir-rapport tagħhom u l-valutazzjoni kumplessiva bbażata fuq it-tbassir tal-Kummissjoni għall-ħarifa 2019, il-Kunsill fil-5 ta' Diċembru 2019 ikkonkluda li r-Rumanija ma ħaditx azzjoni effettiva b'reazzjoni għar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2019.
- (8) Fid-dawl tan-nuqqas ta' azzjoni effettiva mir-Rumanija u d-devjazzjoni kumulata mill-perkors ta' aġġustament lejn l-oġettiv baġitarju tagħha fuq terminu medju, huwa xieraq li tiġi indirizzata Rakkomandazzjoni riveduta lir-Rumanija dwar il-miżuri xierqa li jridu jittieħdu taħt l-Artikolu 121(4) tat-Trattat.
- (9) Abbażi tat-tbassir tal-Kummissjoni għar-rebbiegħa tal-2019, il-bilanċ strutturali tar-Rumanija huwa pprojetat li jmur lura b'0,8 % tal-PDG fl-2019 u b'0,8 % ieħor tal-PDG fl-2020. B'riżultat ta' dan, id-defiċit strutturali huwa stmat li jkun 2,5 % tal-PDG u 3,4 % tal-PDG lil hinn mill-oġettiv baġitarju ta' terminu medju ta' defiċit strutturali ta' 1,0 % tal-PDG fl-2019 u fl-2020, rispettivament.

- (10) Sabiex tikkoreġi d-devjazzjonijiet kumulati u biex ir-Rumanija tinġieb lura fuq perkors ta' aġġustament xieraq wara l-iżvjar tal-passat, jenħtieġ li sforz addizzjonali jikkomplimenta l-isforz strutturali annwali rakkomandat ta' 0,75 % tal-PDG għall-2020 rakkomandat mill-Kunsill fl-14 ta' Ġunju 2019. Jidher li sforz addizzjonali ta' 0,25 % tal-PDG ikun xieraq fid-dawl tal-kobor tad-devjazzjonijiet kumulati mill-perkors ta' aġġustament rakkomandat lejn l-oġġettiv ta' terminu medju. Dan l-isforz addizzjonali jaċċellera l-aġġustament lura lejn l-oġġettiv baġitarju ta' terminu medju mingħajr ma jpoġġi f'riskju t-tkabbir ekonomiku.
- (11) It-tbassir tal-Kummissjoni għall-ħarifa tal-2019 jipprojetta defiċit tal-amministrazzjoni pubblika ta' 3,6 % fl-2019 u 4,4 % fl-2020, li huwa oġġla mill-valur referenzjarju tat-Trattat ta' 3 % tal-PDG. L-aġġustament strutturali meħtieġ jidher xieraq ukoll biex jiġi żgurat li r-Rumanija tosserva l-valur referenzjarju tat-Trattat ta' 3 % tal-PDG fl-2020.
- (12) Abbażi tat-tbassir tal-Kummissjoni tal-ħarifa 2019, it-titjib rekwiżit, fil-bilanċ strutturali ta' 1,0 % tal-PDG fl-2020 huwa konsistenti mar-rata ta' tkabbir nominali tan-nefqa pubblika primarja netta li ma taqbiżx l-4,4 %.
- (13) It-tbassir tal-Kummissjoni tal-ħarifa 2019 jipprojetta deterjorament tal-bilanċ strutturali tar-Rumanija b'0,8 % tal-PDG fl-2020. Għaldaqstant, titjib strutturali ta' 1,0 % tal-PDG jissarraff fil-ħtieġa li jiġu adottati miżuri għal rendiment totali ta' 1,8 % tal-PDG f'termini strutturali meta mqabbla mal-linja bażi kurrenti fit-tbassir tal-Kummissjoni għall-ħarifa tal-2019.

- (14) In-nuqqas ta' azzjoni taħt ir-rakkomandazzjonijiet preċedenti biex tiġi kkoreġuta d-devjazzjoni osservata sinifikanti u kontra r-riskju li jinqabeż il-valur referenzjarju tat-Trattat joħloq il-ħtieġa li tittieħed azzjoni urġenti sabiex il-politika fiskali tar-Rumanija tinġieb lura fuq perkors prudenti.
- (15) Sabiex jinkisbu l-miri baġitarji rakkomandati, huwa kruċjali li r-Rumanija tadotta u timplimenta b'mod rigoruż il-miżuri meħtieġa u tagħmel monitoraġġ mill-qrib tal-iżvilupp tal-infiq kurrenti.
- (16) Ir-rekwiżiti maħruġa f'din ir-Rakkomandazzjoni jissostitwixxu l-elementi korrispondenti stabbiliti fir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2019.
- (17) Jenħtieġ li r-Rumanija tirrapporta lill-Kunsill dwar l-azzjoni meħuda b'reazzjoni għal din ir-Rakkomandazzjoni sal-15 ta' April 2020, possibbilment bħala parti mill-Programm ta' Konverġenza tagħha ppreżentat skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 1466/97.
- (18) Huwa xieraq li din ir-Rakkomandazzjoni ssir pubblika,

B'DAN JIRRAKKOMANDA LI R-RUMANIJA:

- (1) tieġu l-miżuri neċessarji biex tiżgura li fl-2020 ir-rata ta' tkabbir nominali tan-nefqa pubblika primarja netta ma tkunx oġġla minn 4,4 %, korrispondenti għal aġġustament strutturali annwali ta' 1,0 % tal-PDG, u b'dan il-mod ir-Rumanija titqiegħed fuq perkors xieraq ta' aġġustament lejn l-oġġettiv baġitarju fit-terminu medju;
- (2) tuża kull dħul mhux mistenni għat-tnaqqis tad-defiċit; tiżgura li l-miżuri ta' konsolidazzjoni baġitarja jiżguraw titjib permanenti fil-bilanċ strutturali tal-amministrazzjoni pubblika b'mod li jiffavorixxi t-tkabbir;
- (3) tagħti rapport lill-Kunsill sal-15 ta' April 2020 dwar l-azzjoni meħuda b'reazzjoni għal din ir-Rakkomandazzjoni; tiżgura li r-rapport jinkludi miżuri dettaljati biżżejjed u mħabbra b'mod kredibbli, inkluż l-impatt baġitarju ta' kull waħda minnhom, bl-għan li jkun hemm konformità mal-perkors ta' aġġustament meħtieġ, kif ukoll projezzjonijiet baġitarji aġġornati u dettaljati għall-2020.

Din ir-Rakkomandazzjoni hija indirizzata lir-Rumanija.

Magħmul fi ...,

Għall-Kunsill

Il-President
